MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta ta' l-4 ta' April, 2003

Avvi$Z Numru. 687/2001/1

Avviz Nru:- 687/01DM

GasanMamo Insurance Agency Limited u din ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta estera CGU Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Kenneth Casha sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Kenneth Casha

Vs

Philip Farrugia

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenut ghal hlas tas-somma ta' elfejn, seba' mija u disgha u erbghin liri Maltin (Lm2749.00), li jinkludu mija u hamsin lira Maltin (Lm150.00) 'Excess' imhallsa mill-assikurat Kenneth Casha rapprezentanti danni kagunati minnhu f'incident awtomobilistiku tat-2 ta' Lulju, 2000, gewwa Triq is-Salib tal-Marsa, Marsa, bejn il-

vettura numru EBY 569 misjuqa mill-konvenut Philip Farrugia u l-vettura numru IBE 719 misjuqa mill-assikurat tas-socjeta attrici Kenneth Casha u propjeta' tal-istess Kenneth Casha, liema incident gara unikament tort tieghu, minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.

Bl-ispejjez komprizi ghaxar liri u hamsin centezmu (Lm10.50) ta' ittra u konsult, dawk tal-ittra ufficjali tat-28 t'Awissu, 2000, dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontra l-assikurazzjoni tieghu kontestwalment ma l-avviz u dawk tal-Mandat ta' Qbid Kawtelatorju wkoll prezentat kontestwalment mal-avviz, u bl-imghax dekorribbli mit-28 ta' Awissu, 2000, id-data tal-ittra ufficjali, sal-hlas effettiv, kontra l-konvenut li gie ingunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Philip Farrugia fejn eccepixxa illi:

1 In linea preliminari l-inkompetenza ta' din il-Qorti 'rationae valoris' ghal dak li jirrigwarda it-talba tal-attur Kenneth Casha ghall-excess ta' mija u hamsin lira Maltin (Lm150) billi din taqa' taht il-kompetenza tat-Tribunal ghat-Talbiet Zghar;

2 Subordinatament trid tigi esebita is-surroga favur is-socjeta attrici Gasan Mamo Insurance Agency Limited u din trid tkun predatata ghall-prezentata tal-Avviz;

3 Subordinatament u fil-mertu l-eccipjent mhux responsabbli ghad-danni reklamati ghax il-kollizzjoni in kwistjoni grat unikament tort tas-sewwieq tal-car Maruti IBE 719, Kenneth Casha, li habat ma vettura ohra, imblokka improvvizament il-lane minn fejn kien qed isuq l-bus il-konvenut u holoqlu emergenza subitanea b'mod li waqaf f'daqqa quddiemu wara li invadhielu l-lane, b'mod li l-eccipjent ma kellux cans li jevitah;

4 Ghalhekk it-talbiet tal-atturi ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom.

Semghet ix-xhieda prodotti;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi ghal dak li jirrigwarda l-ewwel eccezzjoni preliminari sollevata mill-konvenut li tirrigwarda l-inkompetenza ta’ din il-Qorti rationae valoris, ghandhu jinghad mill-ewwel illi l-kompetenza ta’ din il-Qorti tigi radikata meta jkun stabbilit il-valur involut fil-kwistjoni migjuba quddiem il-Qorti, li f’dan il-kaz tirrigwarda l-kollizjoni li grat fit-2 ta’ Lulju tas-sena 2000 bejn Kenneth Casha u l-konvenut Philip Farrugia u fejn il-valur tad-danni konsegwenzjali ghall-habta, kif allegat mill-attur, huwa ta’ Lm2,749 (elfejn seba’ mija u disa’ u erbghin lira Maltin).

Ghalhekk irrispettivament minn kull konsiderazzjoni dwar kif din is-somma ghandha tigi ripartita bejn l-atturi, jibqa dejjem stabbilit illi l-kwistjoni quddiem din il-Qorti tirrigwarda valur illi jezorbita mill-kompetenza ta’ Tribunal ghat-Talbiet iz-Zghir, anke fejn jirrigwarda t-talba tal-attur Casha, billi fid-determinazzjoni taghha hemm involuta bil-fors, il-kwistjoni dwar ir-responsabbilta’ ghall-kollizzjoni u ghalhekk ghad-danni totali implikati fl-istess kollizzjoni.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qedgha tirrespingi l-ewwel eccezzjoni preliminari sollevata mill-konvenut.

Ghal dak li jirrigwarda t-tieni eccezzjoni rigwardanti l-htiega li s-surroga tad-drittijiet mill-assikurat lill-kumpanija attrici riedet tkun predatata ghal prezentata tal-avviz, billi jirrizulta illi l-attur Casha kien assikurat mall-kumpanija attrici taht polza ta’ assikurazzjoni ‘comprehensive’ u billi jirrizulta wkoll stabbilit illi l-kumpanija attrici kienet hallset lill-assikurat taghha (l-attur l-iehor Casha) dak kollu rikjest minnha skond l-istess polza ta’ assikurazjoni fiz-zmien ferm qabel il-prezentata ta’ dan l-avviz, s-surroga saret ‘ipso jure’ favur min kien ghall-hlas tad-dejn u kellu nteress jhallsu.
Hawnhekk il-Qorti taghmel ampja riferenza ghas-sentenza tal-Qorti Civili Prim’Awla, tal-5 t’Ottubru tal-1993

fl-ismijiet "Hugh Zammit noe vs Joseph Spiteri", u taghmel taghha il-konkluzzjonijiet hemm raggunti.
Infatti kien gie appuntu ritenut hekk:
*Rilevanti ghal kwistjoni huma (a) il-fatt li hu provat li l-vettura kienet koperta fil-mument tal-incident b'polza tal-assikurazzjoni 'comprehensive' mahruga mid-ditta attrici favur l-assigurat taghha Josephine Borg' u (b) 'il-fatt li hu ppruvat illi <u>in forza ta' din il-polza .</u> id-ditta assiguratrici ghamlet tajjeb ghad-danni konsegwenzjali ghall-incident u hallsithom kif kienet <u>obbligata</u> li taghmel skond il-kuntratt ta' assigurazzjoni.*

*Japplika allura f'dawn ic-cirkostanzi s-subinciz (c) tal-Artikolu 1166 tal-Kodici Civili kif sewwa rriteniet f'kawza b'fatti analogi meta nghatat l-istess eccezzjoni din il-Qorti diversament presjeduta mill-Imhallef Albert J Magri fil-kawza <u>Edgar Galea nomine –v- John Tanti</u> , deciza fis-16 ta' Dicembru, 1991 hekk irriteniet:- "Illi dwar l-eccezzjoni tan-nuqqas ta' interess guridiku da parti tal-attur nomine billi dan ma jinsabx validament surrogat fid-drittijiet tal-parti leza il-Qorti taghmel referenza ghall-Artikolu 1166 (c) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn jinghad espressament li s-surroga ssir 'ipso jure' favur ta' dak li kien obbligat ma' ohrajn jew ghal ohrajn ghall-hlas tad-dejn u kellu nteress jhallsu. Issa min-natura ta' polza ta' assigurazzjoni hekk maghrufa 'comprehensive' l-assiguratur jobbliga ruhhu kuntrattwalment mal-assigurat tieghu, li jhallas id-danni kollha li jkunu gew kagunati fil-vettura tal-istess assigurat u li jkunu gew kagunati konsegwenza ta' incident awtomobilistiku jew ghal xi raguni ohra li tkun imsemmija fl-istess polza.*

*Illi fil-kaz in ezami jidher car li t-talba attrici qed issir ghar-rifuzjoni ta' ammont li l-istess attur nomine hallas lill-terzi in forza tal-polza ta' assigurazzjoni viegenti bejnu u l-istess assigurat tieghu. Illi l-interess tal-istess attur nomine li jhallas l-ammont tad-danni jirrizulta wkoll mill-istess polza. Ghalhekk jikkonkorru l-elementi rikjesti mill-Artikolu precitat u per konsegwenza l-attur huwa validament surrogat fid-drittijiet tal-assigurat tieghu.*

*Hu veru illi l-gurisprudenza ma kienitx dejjem uniformi fl-interpretazzjoni ta' dan l-Artikolu, pero din il-Qorti tqies li din hi l-interpretazzjoni gusta u korrett. Lanqas ma hi xi interpretazzjoni originali di recente jew wahda imgebbda. Infatti l-Qorti tal-Kummerc fil-kawza, 'Capt Joseph Muscat –v- Giuseppe Mizzi nomine et altri' (Vol XXVII . iii. 492) hekk ukoll irriteniet:-*

*"…..la legge nostra a differenza al Codice di Commercio Italiano, articolo 438, non provvede al caso sotto esame. Nella legge comune disposto che chi paga il-debito altrui non subentra nei diritti del creditore se non in forza di convenzione o per disposizione di legge. Nella fattispecie convenzione non ci e' stata, e i casi contemplati dall'articolo 873 (Artikolu 1166 tal-Kodici Civili) Ordinanza VII del 1868 non possono far desumere la surrogazione' ipso jure' ad eccezione dell'inciso terzo di detto articolo. Invero e' disposto in detto inciso terzo a favore di colui che essendo obbligato con altri o per altri al pagamento del debito aveva interesse di soddisfarlo. E' risultante che l-assicuratore era obbligato assieme a colui che era responsabile dei danni e quindi in favore dello stesso vi sarebbe la surrogazione legale";*

*"………non puo' ritenersi fondatata l'eccezione del convenuto che la surrogazione avrebbe frustrato lo scopo dell'assicurazione: il-vivante sul proposito osserva: 'La surrogazione personale dell'assicuratore e' una conseguenza naturale del pagamento dell' indemnita; l'assicurato che fu risarcito del danno non ha piu' azione contro il colpevole perche' non ha alcun interesse di fare valere contro di lui; se potesse riscuotere ad un tempo la somma assicurata e chiedere risarcimento al colpevole per medesimo danno, sarebbe indennizzato due volte e l'assicurazione gli procurerebbe u indebito lucro. D'altra parte il terzo, colpevole del sinistro, non deve approfittarsi del contratto di assicurazione, cui e' rimasto estraneo e per quale non ha pagato alcun premio, e percio' deve rispondere del danno verso l'assicuratore che piglia il posto dell'assicurato".*

*Din is-sentenza giet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell li sostniet, fl-interpretazzjoni liberali moghtija lis-subinciz © tal-Artikolu 1166 biex tinkludi wkoll l-kuntratt ta' assigurazzjoni.*

*Jidher li l-interpretazzjoni restrittiva moghtija f'xi sentenzi anke nostrani li jeskludu l-applikazzjoni ta' dana l-Artikolu ghall-kuntratt ta' assigurazzjoni, inghatat fl-iskorta tal-interpretazzjoni wkoll restrittiva moghtija ghal xi zmien mill-guristi u Qrati Francizi lill-Artikolu 1251 (3) tal-Kodici Civili Franciz li kien allura identiku ghal dak tal –Kap 16. Pero," since the 19th century in France, the Court has extended the interpretation of Article 1251(3) to include the insurance companies, provided in the policy of insurance where there was (kif hu anke l-kaz odjern) a 'clause subrogatoire'".*

*Dan fuq il-bazi li tidher ovvja li meta l-assigurat u min jassigurah jghamlu kuntratt ta' assigurazzjoni huma ghandhom necessarjament l-intenzjoni illi kwante volta javvera ruhu r-riskju li kontra tieghu nharget il-polza u jkun thallas il-'premium', allura min jassigura jkun awtomatikament ssurrogat fid-drittijiet tal-persuna assigurata kontra min ikun ikkaguna d-dannu, almenu sal-ammont illi ikun kopert bil-polza u attwalment ikun thallas fl-interess tal-assigurat. Infatti l-legislaturi Francizi u Taljani pprovdew biex dan il-kuncett ikun ghal kollox car u jitnehha kull dubju u ekwivoku, billi llegislaw permezz ta' emenda ad hoc.*

*Dubju li kien generat minn gurisprudenza konfliggenti u forsi sottiljezzi pjuttost zejda u karillika ta' argomentazzjoni guridika f'materja li kellha tkun bizzejjed cara f'sostanza legali. De lege condendo hu forsi utili li ssir wkoll emenda simili mill-legislatur f'Malta ghal aktar kjarezza u carezza. Interessanti fir-rigward bhala studju komparattiv it-tezi "Subrogation in Insurance Law – A Comparative Study" (1993) mill-Avukat Bartholomeo Micallef li ben fatti avvanza dan is-suggeriment. Pero' anke minghajr din l-emenda il-Qorti hi tal-fehma illi l-ligi kif inhi timporta surroga awtomatika ex lege fil-kuntratt ta' assigurazzjoni 'comprehensive' fic-cirkostanzi fuq spjegati.*

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qedgha wkoll tirrespingi t-tieni eccezzjoni sollevata mill-konvenut.

Ghal dak li jirrigwarda l-mertu, il-kontendenti jaqblu fuq il-fatti principali li wasslu ghal din il-kollizjoni.

Infatti l-konvenut, wara li kien ta' verzjoni illi l-attur Casha kien hariglhu f'daqqa fil-'lane' ta' fuq ix-xellug ghal fuq il-'lane ' tal-lemin li fih kien miexi hu, rrealizza illi effettivament il-vettura ta' Casha kienet digia' qedgha fuq il-karreggjata ta barra li kien miexi fiha l-konvenut billi stqarr illi effettivament l-istess attur Casha kien laqat precedentement mas-'centre strip', li evidentement kien fuq in-naha tal-lemin tieghu. Stqarr ukoll li Casha habat mal-gemb ta' karrozza Lancer li kienet fuq il-'lane' tan-naha tax-xellug, u mbaghad waqaf. Din hija manuvra kollha kemm hi ndikattiva li f' ebda mument il-vettura misjuqa mill-attur Casha ma kienet fuq il-lane tan-naha tax-xellug tat-triq li fiha kien hemm il-Lancer.

Il-fatt illi l-konvenut kien iddedika nofs id-deposizzjoni tieghu biex iddeskriva manuvra tal-attur Casha, li effettivament, ma kienet qatt saret, hija indikattiva illi l-konvenut ma kienx qed izomm 'a proper look out' ghal dak li kien qieghed jigri quddiemhu u evidentement ukoll ma kienx qed izomm distanza bizzejjed il-boghod mit-traffiku ta' quddiemu sabiex ikun jista' jiehu azzjoni evaziva f'kaz ta' xi emergenza li setghet tinqala' fil-karreggjata li kien mixi fiha.

Infatti anke kieku wiehed kellu jaccetta illi l-manuvra li ghamel l-attur Casha, kienet illi jieqaf fil-karreggjata tal-konvenut minhabba xi habta li setgha kellu ma vettura ohra, ma tezonerax lill-konvenut mir-responsabbilta' billi dejjem kellu l-obbligu illi jzomm 'a proper look out' u distanza sufficjenti mit-traffiku ta' quddiemu biex jista' jghamel tajjeb ghal xi emergenza li tista' tinqala.

Minn-naha l-ohra, l-verzjoni moghtija mill-attur Casha (illi effettivament huwa kien ghadu kif laqat vettura ohra fuq il-lane tax-xellug tieghu, waqaf u kien lahaq ghada certu

zmien sa meta wasal il-konvenut bix-xarabank u dahal fih), tinsab korraborata mix-xhud indipendenti , Anthony Gatt, li xhed fit-8 ta' Mejju tas-sena 2002.

Dan ix-xhud iddeskriva dettaljatament kif sehh l-incident kollu sa minn meta l-vettura tal-attur Casha laqtet il-vettura tieghu u waqfet fil-karreggjata tal-lemin biex imbaghad wasal fuq il-post il-konvenut u minghajr ma ha ebda azzjoni evasiva laqat vjolentement il-vettura ta' Casha b'rizultat illi mexxiha iktar minn 17 (zbatax) il-metru il-quddiem minn fejn kienet waqfet u kkawza hsarat konsiderevoli illi effettivament waslu biex il-vettura ta' Casha titqies bhala 'total loss'.

Ghalkemm jirrizulta illi x-xelta ta' Casha illi jieqaf fil-karreggjata tan-naha tal-lemin biex jista' jinvestiga l-kollizjoni mal-vettura ta' Anthony Gatt, kienet wahda infelici, peress illi ma kellu ebda raguni ghaliex ma jidholx kif suppost fuq il-karreggjata tax-xellug biex ihalli liberu l-access ghat-traffiku li gej minn warajh, din il-manuvra li ghazel Casha b'ebda mod ma ikkontribwit ghall-kollizjoni li saret mal-vettura misjuqa mill-konvenut.

Infatti jirrizulta illi l-konvenut fi kwalunkwe kaz, stante il-ftit sekondi li ghaddew mil-habta tal-attur Casha mall-vettura ta' Gatt, kellu zmien u opportunita bizzejjed biex jinduna illi fil-karreggjata tieghu kien hemm ostakolu u li kellu ghalhekk ikun f'posizzjoni illi jista' jevita l-habta li fil-fatt irrizultat kieku ma kienx ghas-sewqan imprudenti u nuqqas ta 'proper look out'..

Ghaldaqstant issib illi l-konvenut huwa unikament responsabbli ghal kollizzjoni in kwistjoni u ghalhekk irid jirrispondi ghad-danni illi kkawza fil-vettura assikurata mall-kumpanija attrici.

Mid-dokumenti prodotti mill-atturi, kif ikkonfermati bl-affidavit ta' Hugh P. Zammit, jirrizulta ampjament illi l-vettura assikurata kienet giet iddanneggjata "beyond ecconomical repair" u illi l-valur taghha stabbilit fis-somma ta' Lm2, 800 (elfejn u tmien mitt lira Maltin).

Jirrizulta illi minn dan l-ammont il-kumpanija attrici hallset lill-assikurat taghha s-somma ta' elfejn sitt mija u tlieta u tmenin lira Maltin (Lm2,683) dahlet mitt lira Maltin (Lm100) mill-bejgh tal-vettura mkissra u hallset Lm16 (sittax il-lira Maltin) ghas-survey fees.

Dana ghalhekk jimplika illi l-kumpanija assikurattrici mid-danni totali ta' Lm2,749 (elfejn seba' mija u disa' u erbghin lira Maltin), stante li l-attur l-iehor baghta somma ta' Lm150 (mija u hamsin lira Maltin) bhala excess, nefqet elfejn hames mija u disa' u disghajn lira Maltin (Lm2,599).

Ghaldaqstant din il-Qorti qedgha tilqa t-talba attrici u ghar-ragunijiet indikati fl-avviz qedgha tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi in solidum bejnithom, is-somma ta' Lm2,749 (elfejn seba' mija u disa' u erbghin lira Maltin) bl-imghaxijiet legali b'effett mit-28 t'Awissu tas-sena 2000;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

-------------------------------TMIEM-------------------------------